# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Ġunju, 2023.**

**Numru 5**

**Rikors numru 517/2013/2 TA**

**Giuseppi Sciortino, Caterina Gatt u Filippa Farrugia u b'digriet tal-4 ta' Jannar 2017 l-atti ġew trasfużi f'isem Raymond Farrugia, John Farrugia u Stephen Farrugia stante li ommhom Filippa Farrugia mietet fil-mori tal-kawża**

**v.**

**Alfred Sciortino**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut Alfred Sciortino minn żewġ deċiżjonijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Novembru, 2018 u s-26 ta' Jannar, 2023 li għandhom x'jaqsmu mal-wirt ta' Francesco Saverio u Angela Sciortino.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fil-31 ta' Mejju, 2013, l-atturi fissru li l-partijiet f'din il-kawża huma wlied Francesco Saverio Sciortino li miet fil-5 ta' Frar, 1990 u Angela Sciortino li mietet fid-9 ta' Frar, 1979. Jgħidu li b'żewġ testmenti tal-14 ta' Jannar, 1979 u tat-28 ta' Ottubru, 1987, il-ġenituri tagħhom kienu ħatru lill-erba' wliedhom bħala l-werrieta universali tagħhom. Minbarra dan, il-ġenituri tagħhom kienu ħallew xi prelegati lil kull wieħed minn uliedhom.

3. L-atturi jgħidu li għalkemm huma qablu bejniethom sabiex jagħtu l-pussess ta' dawn il-prelegati lil xulxin, il-konvenut ma riedx jaf. Iżidu wkoll li l-konvenut ma aċċettax li jersaq għall-qasma tal-wirt. Minħabba f'hekk, huma kellhom jiftħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"1. Tillikwida l-assi ereditarji rispettivi ta' Francesco Saverio Sciortino u Angela Sciortino;*
>
> *2. Tikkundanna lill-konvenut jersaq għall-ħlas u l-konsenja lill-esponent Giuseppe Sciortino tal-prelegat tal-fond (54) Our Lady of Angels Street, Żebbuġ, bil-ġnien, kif deskritt fit-tielet artikolu tat-testment unica charta pubblikat min-Nutar Dottor Jeannette Laferla Saliba tal-14 ta' Jannar, 1979;*
>
> *3. Tikkundanna lill-konvenut jersaq għall-ħlas u l-konsenja lill-esponenti Filippa Farruġia tal-prelegati tal-ġnien aċċessibbli mill-fond (36) Triq Ħali, Żebbuġ, u tan-nofs indiviż tal-għalqa 'Ta' Bajdun', fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, kif deskritti fir-raba' artikolu tat-testment unica charta pubblikat min-Nutar Dottor Jeannette Laferla Saliba tal-14 ta' Jannar, 1979;*

*4. Tikkundanna lill-konvenut jersaq għall-ħlas u l-konsenja lill-esponenti Caterina Gatt tal-prelegati tal-fond 14 u 15, Muxi Square, Żebbuġ, u tan-nofs indiviż tal-għalqa 'Ta' Bajdun', fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, kif deskritti fir-raba' artikolu tat-testment unica charta pubblikat min-Nutar Dottor Jeannette Laferla Saliba tal-14 ta' Jannar, 1979;*

*5. Taqsam il-bqija tal-ġid ta' Francesco Saverio Sciortino u Angela Sciortino f'erba' porzjonijiet, u tassenja lill-kontendenti l-porzjoni rispettiva, okkorrendo bl-assistenza ta' perit arkitett;*

*6. F'każ li jirriżultaw xi beni li mhumiex komodament diviżibbli, tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dawk il-beni, bl-ammissjoni ta' offerenti barranin taħt dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni, u tordna wkoll li r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti fis-sehem rispettiv tagħhom;*

*7. Tinnomina Nutar Pubbliku għall-publikazzjoni tal-att ta' diviżjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li jibqa' inġunt minn issa għas-subizzjoni."*

4. Il-konvenut wieġeb għal din ir-rikors maħluf fit-3 ta' Lulju, 2013, u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*"1. Illi huwa ma jopponix għad-diviżjoni mitluba;*

*2. Illi in kwantu jirrigwarda t-talba għall-immissjoni fil-pussess ta' legati din hija preskritta għat-tenur tal-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili;*

*3. Illi in oltre josta għall-parti tat-talbiet tal-attur il-ġudikat fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Ottubru, 2008 fl-istess ismijiet stante li l-art li ġiet trasferita lill-konvenut Alfred Sciortino tappartjeni lill-istess Alfred Sciortino u ma tifformax parti mid-diviżjoni;*

*4. Illi inoltre anke kieku kellha tittieħed in konsiderazzjoni din l-art fid-diviżjoni trid tittieħed in konsiderazzjoni kull proprietà legata jew trasferita mill-ġenituri lill-kondividendi;*

*5. Illi dwar id-dikjarazzjonijiet fil-paragrafu wieħed sa tlieta tar-rikors promotur ma hemmx kontestazzjoni;*

*6. Illi fir-rigward tal-fatti fir-raba' paragrafu tħallew legati imma mhux prelegati lill-werrieta u dan evidentement akkont ta' sehemhom;*

*7. Illi fir-rigward tal-ħames paragrafu tad-dikjarazzjoni illum kull talba*

*għall-immissjoni fil-pussess hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' għaxar snin mill-mewt tad-decuius;*

*8. Illi fir-rigward ta' dak dikjarat fis-sitta u fis-seba' paragrafi kien nuqqas tal-attturi li l-partijiet ma waslux għall-qasma u mhux nuqqas tal-konvenut;*

*9. Illi l-esponent ma għandux jbati spejjeż tal-kawża.*

*Salvi eċċezzjonijiet oħra billi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt."*

5. B'sentenza parzjali tad-9 ta' Novembru, 2018, l-Ewwel Qorti wara li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, issoktat billi ddeċidiet uħud mit-talbiet attriċi b'dan il-mod:

*"(i) Tilqa' l-ewwel (1) talba u tiddikjara li l-assi ereditarji tal-konjuġi Sciortino, ġenituri tal-kontendenti huma s-segwenti:*

*- il-fondi 53 u 54, Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbuġ;*
*- il-ġnien anness mal-fondi 53 u 54, Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbuġ;*
*- l-għalqa "Tan-Nanna" (kejl 1T-1S-5K), tal-Ħrieri, Żebbuġ;*
*- l-għalqa "Il-Wejla" (kejl 3T-5S-5K), tal-Ħrieri ta' fuq, Żebbuġ;*
*- l-għalqa "tat-Torri" (kejl 1T-5S-3K), tal-Ħrieri t'isfel sive ta' Karċeppu, Żebbuġ;*
*- l-għalqa "Ta' Bajdun", (kejl 8T) Żebbuġ;*
*- il-fond 14 u 15, Triq Muxi, Żebbuġ;*
*- €3,286.90 f'kont bankarju fl-HSBC.*

*(ii) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni (2), tielet (3) u r-raba' (4) talbiet, stante li l-immobbli msemmija fihom diġà jinsabu fil-pussess tal-prelegatarji relattivi;*

*(iii) u mis-somma li jifdal ta' €2588, is-sehem ta' kull wieħed mill-aħwa (1/4) hu ta' €647 oltre imgħaxijiet, iżda peress li Giuseppe ħa £1,300 u skont it-testment tal-1987 għandhom jitqiesu li ħadhom akkont tas-sehem tieghu. Ghalhekk is-somma ta' €2,588 trid tinqasam 1/3 kull wieħed u waħda bejn Filippa, Caterina u Alfred Sciortino;*

*(iv) tilqa' l-ewwel parti tal-ħames (5) talba u tiddikjara li l-kontendenti għandhom kwart (¼) indiviż kull wieħed mid-depożitu bankarju fl-HSBC fl-ammont ta' €3,286.90 u kwalsiasi imgħaxijiet li ddekorrew fuqu mill-2014 'l hawn, u li fir-rigward tat-tliet għelieqi f'Tal-Ħrieri magħrufa bħala Tan-Nanna, Il-Wejba u tat-Torri, l-ishma tagħhom huma kif ġej:*

*<u>Tan-Nanna</u>:*

*Giuseppe: 14/48*
*Alfred: 14/48*
*Caterina: 10/48*
*Filippa: 10/48*

*<u>Il-Wejba:</u>*

*Giuseppe: 31/100*
*Alfred: 31/100*
*Caterina: 19/100*
*Filippa: 19/100*

*<u>Tat-Torri:</u>*

*Giuseppe: 31/100*
*Alfred: 31/100*
*Caterina: 19/100*
*Filippa: 19/100*

*(v) it-tieni parti tal-ħames (5) talba u l-kumplament tat-talbiet jiġu deċiżi fi stadju ulterjuri wara li din il-Qorti jkollha l-fehmiet tekniċi fuqhom.*

*L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali."*

6. It-talbiet l-oħra li kien għad fadal, ġew deċiżi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'sentenza finali tas-26 ta' Jannar, 2023, hekk:

*"(i) Tilqa t-tieni parti tal-ħames talba attriċi billi tassenja li kull wieħed mill-aħwa Sciortino kwart (1/4) mid-depożitu bankarju fl-HSBC fl-ammont ta' €3,286.90 u kwalsiasi imgħaxijiet li ddekorrew fuqu mill-2014 'l hawn;*

*(ii) Tilqa' s-sitt talba attriċi u tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tal-għelieqi magħrufa bħala 'Tan-Nanna', 'Tal-Wejba', u 'Tat-Torri' fil-kontrada tal-Ħrieri, limiti tas-Siġġiewi bl-ammissjoni ta' offerti barranin, u bil-prezzijiet stmati mill-Perit Mario Axisa fil-paragrafi 5.04, 5.05 u 5.06 tar-relazzjoni tiegħu u tordna wkoll li r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti fil-kwoti rispettivi tagħhom kif ġa determinati minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza parzjali tad-9 ta' Novembru 2016;*

*(iii) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' talba billi mhix meħtieġa;*

*L-ispejjeż tal-kawża jinqasmu bejn il-partijiet kwart kull wieħed."*

7. Il-konvenut Alfred Sciortino appella miż-żewġ sentenzi tal-Ewwel Qorti, b'rikors imressaq fl-24 ta' Frar, 2023. Huwa jikkritika l-ewwel sentenza għaliex jgħid li l-Ewwel Qorti ma qalitx tajjeb li huwa kien ġa tħallas il-legat imħolli lilu fit-testment, permezz tal-art li kien tah missieru meta dan kien għadu ħaj. Isostni li l-art li missieru tah matul ħajtu mhijiex l-istess waħda li ġiet imħollija lilu bit-testment, għalhekk skontu huwa għad irid jingħata l-legat.

8. Min-naħa l-oħra huwa jiċċensura t-tieni sentenza b'erba' aggravji: (i) li l-Ewwel Qorti naqset milli tara jekk il-ġid kollu li kien jifforma parti mill-wirt kienx komodament diviżibbli; (ii) li l-għalqa msejħa bħala "*Ta' Bajdun*" baqgħet ma ġietx maqsuma; (iii) li d-depożitu bankarju ta' €3286.90 kellu jinqasam bejn tlieta u mhux bejn erbgħa għaliex l-attur Giuseppe Sciortino kien ġa laħaq irċieva b'donazzjoni s-somma ta' 1300 sterlina; u (iv) li l-Ewwel Qorti naqset milli ttih €24,500 bħala ekwiparazzjoni u kumpens għall-benefikati illi għamel.

9. L-atturi wieġbu għal dan l-appell fl-20 ta' Marzu, 2023 u taw ir-raġunijiet tagħhom għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

10. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u**

**Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. Il-Qorti sejra tibda billi tqis l-ewwel, l-**appell tal-konvenut Alfred Sciortino mis-sentenza parzjali tad-9 ta' Novembru, 2018**. L-aggravju waħdieni mressaq mill-konvenut appellant kontra din is-sentenza jolqot il-legat li missieru ħallielu bit-testment tat-28 ta' Ottubru, 1987, fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon.

12. Fl-ewwel artikolu ta' dan it-testment (ara paġna 17 tal-att tal-kawża), Francesco Saverio Sciortino kien iddeċieda hekk:

> *"It-testatur qiegħed iħalli b'titolu ta' legat in piena proprietà lil ibnu Alfred Sciortino bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedu, tomna u nofs mill-għalqa msejħa "Ta' Ħrieri", fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, liema porzjon ta' tomna u nofs tiġi magħżula mill-istess legatarju."*

13. Il-konvenut appellant jargumenta fl-appell tiegħu li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis dan il-legat imħolli lilu, meta ġiet biex taqsam il-wirt.

14. L-Ewwel Qorti qalet hekk fis-sentenza parzjali tagħha dwar dan il-legat:

> *"Illi sena wara li Francesco Saverio Sciortino għamel it-testment tal-1987, huwa u ibnu l-konvenut Alfred Sciortino għamlu kuntratt ta' "tpartit" li permezz tiegħu Francesco Saverio Sciortino ttrasferixxa lil Alfred Sciortino l-għalqa "Tal-Ħrieri" deskritta bħala li għandha kejl ta' circa 3T u proprjetà parafernali tiegħu, u Alfred Sciortino da parti tiegħu ttrasferixxierlu għodda tar-raba' tal istess valur (Lm200).*
>
> *Madanakollu il-Qorti tal-Appell Superjuri fil-kawża fl-ismijiet*

*"Giuseppe Sciortino et vs Alfred Sciortino" (1421/92) fit-3 ta' Ottubru 2008 ikkonkludiet li t-trasferiment tal-għalqa ma kellux jitqies bħala oneruż, imma invece bħala wieħed gratwitu, u li effettivament l-għalqa kienet ġiet mogħtija b'donazzjoni lil Alfred Sciortino.*

*...*

*28.10.1987* ***Testment ta' (Francesco) Saverio Sciortino*** *fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon*[1] *fejn fir-rigward tar-raba f'Tal-Ħrieri ddispona hekk:*

*«It-testatur qiegħed iħalli b'titolu ta' legat in piena proprjetà lil ibnu Alfred Sciortino bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedu, tomna u nofs mill-għalqa imsejħa "Tal-Ħrieri" fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, liema porzjon ta' tomna u nofs tiġi magħżula mill-istess legatarju.»*

*31.12.1988* ***Kuntratt ta' tpartit fl-atti tan-Nutar Antonio Agius***[2] *li permezz tiegħu Francesco Saverio Sciortino ttrasferixxa b'titolu ta' tpartit lil ibnu Alfred Sciortino l-għalqa Tal-Ħrieri limiti taż-Żebbuġ bil-kejl ta' "tlett elef tliet mija sitta u erbgħin punt tnejn metri kwadri" 3364.2mk*[3] *b'valur ta' Lm200 u in kontro-kambju u bl-istess titolu ta' tpartit Alfred Sciortino ttrasferixxa lil missieru Francesco Saverio Sciortino għodda tar-raba' bil-valur ta' Lm200*[4]*.*

*03.10.2008* ***Sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri*** *fil-kawża fl-ismijiet Giuseppi Sciortino et v. Alfred Sciortino (1421/92) fejn ġie deċiż li l-kuntratt tal-1988 huwa effettivament wieħed ta' donazzjoni u mhux wieħed ta' tpartit.*

*...*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti l-għalqa parafernali ta' Francesco Saverio Sciortino li l-istess Francesco Saverio Sciortino ttrasferixxa lill-konvenut fl-1988, hija l-istess għalqa li minnha kien ħalla lill-istess konvenut legat ta' tomna u nofs permezz tat-testment li għamel is-sena ta' qabel, fl-1987.*

*Dan qed jingħad mhux biss minħabba l-isem tal-għalqa (li huwa indikat bħala "Tal-Ħrieri" fiż-żewġ atti) iżda wkoll minħabba l-kejl tagħha. Permezz tat-testment tal-1987 il-missier ħalla b'titolu ta' legat lill-konvenut Alfred Sciortino tomna u nofs mill-għalqa msejħa "Tal-Ħrieri", b'dan li t-tomna u nofs minn tali għalqa tiġi magħżula mill-istess Alfred Sciortino. Tomna u nofs fiha 1686.15mk (1124.1+562.05). Issa l-kejl tal-porzjonijiet indiviżi li kellu l-missier f'kull waħda mit-tliet għelieqi l-oħra (Tan-Nanna, Il-Wejba u tat-Torri)*

---

[1] *Fol 17 et seq.*

[2] Fol 184 *et seq.*

[3] Jidher li l-figura tniżżlet erronjament 3364.2mk flok **3346.2mk**, kif imniżżel bil-kliem.

[4] Din l-art kienet ġiet assenjata lil Francesco Saverio Sciortino **b'att ta' diviżjoni** ppubblikat min-Nutar Nikola Said tas-07.02.1960.

*kien ta' 819.65mk, 1761.09mk u 846.82mk. Il-porzjon indiviż li kellu f'kull waħda mill-għelieqi "Tan-Nanna" u "Tat-Torri" lanqas biss ikejlu tomna u nofs, filwaqt li l-porzjon li kellu fl-għalqa "Il-Wejba" kienet ftit biss iktar minn tomna u nofs (1761.09mk), u allura lanqas biss jagħmel sens li jagħti lil-legatarju l-fakoltà li "jagħżel" 1686.15mk minnha u jħalli biss 74.94mk – li jiġu biss erba' kejliet! Dan apparti l-fatt li s-sehem tiegħu kull waħda mit-tliet għelieqi (inkluż "Il-Wejba") huwa sehem indiviż: għalhekk lanqas biss kien f'pożizzjoni li jippermetti lil xi legatarju tiegħu "jagħżel" l-estenzjoni tal-legat tiegħu ta' tomna u nofs minnha. Bilfors allura li kien qed jirreferi għall-għalqa parafernali tiegħu li tkejjel invece 2810.25mk.*

*Is-sena ta' wara, il-missier "partat" ma' ibnu l-konvenut l-għalqa "Tal-Ħrieri" permezz tal-kuntratt tal-1988. Kif fuq spjegat, il-Qorti tal-Appell Superjuri kkonkludiet li dan ma kien tpartit xejn iżda kien invece donazzjoni. Il-kejl tagħha huwa indikat bħala ta' "tlett elef tliet mija sitta u erbgħin punt tnejn metri kwadri" (erronjament indikat bħala 3364.2mk flok 3346.2mk) li jiġu ftit inqas minn tliet tomniet. (Jiġi ppreċiżat li l-għalqa "Tal-Ħrieri" fiha kejl ta' żewġ tomniet u nofs (2T 3S) ekwivalenti għal 2810.25mk u għalhekk jidher li hemm diskrepanza ta' nofs tomna / 3 sigħan.)*

*Issa skont l-Artikolu 702(3) tal-Kodiċi Ċivili, jekk il-legatarju ikun akkwista l-ħaġa mingħand it-testatur b'titolu gratwitu, il-legat jitqies bħala imħallas. Alfred Sciortino effettivament akkwista l-legat ta' tomna u nofs mill-għalqa "Tal-Ħrieri" meta missieru ttrasferielu (b'donazzjoni, skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell) l-għalqa kollha kemm hi (inkluż it-tomna u nofs) is-sena ta' wara, u allura għandu jitqies li l-legat ta' tomna u nofs tħallas."*

15. Il-kwistjoni għalhekk li trid tiddeċiedi din il-Qorti hija: jekk il-legat ta' tomna u nofs mill-għalqa msejħa "*Tal-Ħrieri*", imsemmi fit-testment tal-1987, hijiex l-istess art li ġiet trasferita lill-konvenut appellant minn missieru, bis-saħħa tal-kuntratt ta' permuta tal-1988. Kuntratt dan, li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Giuseppi Sciortino et v. Alfred Sciortino (Ċit. 1241/92)*** deċiża fit-3 ta' Ottubru, 2008, qalet li kien milqut minn simulazzjoni relattiva, għaliex dan ma kien kuntratt ta' permuta xejn, iżda kien effettivament kuntratt ta' donazzjoni (ara paġni 21 sa 28 tal-atti tal-kawża).

16. Issa fuq in-naħa minnhom għandek lill-konvenut appellant li fl-appell tiegħu jibqa' jsostni li l-art imħollija lilu b'legat u l-art li kiseb bil-kuntratt tal-1988 huma differenti u għalhekk il-legat imħolli lilu għadu ma ġiex imħallas. Min-naħa l-oħra, għandek lill-atturi appellati li qegħdin jargumentaw fit-tweġiba tagħhom għall-appell, li l-Ewwel Qorti kkonkludiet tajjeb fis-sentenza parzjali tagħha li l-art imħollija fil-legat hija l-istess art li Francesco Saverio Sciortino kien għadda lill-konvenut permezz tal-kuntratt tal-31 ta' Diċembru, 1988.

17. Illi l-**Artikolu 721(1) tal-Kodiċi Ċivili** jgħid illi meta t-testatur iħalli legat pur u sempliċi, bħal dak li ħalla Francesco Saverio Scortino lill-konvenut appellant fil-każ tal-lum, il-legatarju jkollu d-dritt li jirċievi l-ħaġa mħollija lilu bil-legat minn dakinhar tal-mewt tat-testatur (ara ***Paul Vella v. Grace Everest*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2017). Mal-mewt tat-testatur il-proprjetà tal-legat pur u sempliċi tgħaddi għand il-legatarju u minn dak il-mument jitlaq id-dritt tiegħu li jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa mħollija lilu b'legat (ara **Artikolu 726(1) tal-Kodiċi Ċivili** u ***Mario Testa et v. Rose Marie Testa*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2014).

18. Meta wieħed jitkellem dwar ġid li jitħalla b'legat jew, bħal f'dan il-każ prelegat, wieħed jifhem li l-ħaġa identifikata tkun tħalliet lil-legatarju

b'dak kollu li jagħmel minnha u bl-aċċessorji tagħha (**Artikolu 731 tal-Kodiċi Ċivili**). Huwa minnu wkoll li jidher li teżisti regola li tgħid li meta kwistjoni tkun dwar jekk legat għandux ikun ammess jew eskluż, għandha tingħata l-interpretazzjoni li l-iżjed tmil favur il-legatarju; filwaqt li meta l-kwistjoni tkun dwar l-estensjoni jew il-kwantità tal-legat, din għandha tmil favur il-werriet (ara ***Farmacista George Mallia v. Carmela Mallia*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Marzu, 1957 u ***Rosario Mifsud et v. John Saliba et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Mejju, 2008).

19. Importanti ħafna għall-għanijiet ta' din il-kawża, li l-**Artikolu 702(3) tal-Kodiċi Ċivili** jiddisponi li jekk il-legatarju jkun kiseb b'titolu gratuwitu, il-ħaġa imħollija lilu b'legat, allura dak il-legat jingħadd bħala wieħed li jkun ġie mħallas.

20. Il-***Professur V. Caruana Galizia*****,** f'paġna 88 tan-***Notes on Law of Succession***, kif emendati minn ***Dr. P. Debono***, jikkonferma li:

> *"Where the legatee shall have acquired the thing from the testator under a gratuitous title, the legacy shall be considered to be adeemed. The same rule is contained in the Codice Parmese (Section 689) and in the Codice Ticinise (Section 875)."*

21. Din il-Qorti għarblet bir-reqqa l-legat imħolli favur il-konvenut appellant fit-testment tat-28 ta' Ottubru, 1987 (ara paġna 17 tal-att tal-kawża) u l-art li ġiet trasferita bil-kuntratt tal-31 ta' Diċembru, 1989 (ara paġna 184 tal-atti tal-kawża) u temmen bħall-Ewwel Qorti li dawn

qegħdin jitkellmu fuq l-istess art. L-isem tal-għalqa msemmi fil-legat u fil-kuntratt huma l-istess *i.e.* Tal-Ħrieri, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta. Barra minn hekk bil-kuntratt tal-1988, il-konvenut appellant irċieva kejl ta' aktar minn tomna u nofs li jissemma fil-legat.

22. Huwa ċar għalhekk li l-konvenut appellant ġa tħallas tal-legat ta' tomna u nofs mill-għalqa Tal-Ħrieri skont l-**Artikolu 702(3) tal-Kodiċi Ċivili**, meta missieru kien għaddielu b'xejn, ftit inqas minn tliet tomniet art minn din l-istess għalqa permezz tal-kuntratt tal-31 ta' Diċembru, 1988, u li l-Qorti tal-Appell iddikjarat li kellu jitqies bħala kuntratt ta' donazzjoni u mhux ta' permuta, minħabba li sabet li kien hemm simulazzjoni relattiva.

23. Dan l-aggravju, li din il-Qorti jidhrilha li tressaq fil-vojt, qiegħed jiġi miċħud u għalhekk is-sentenza parzjali mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-9 ta' Novembru, 2018 qiegħda tinżamm kif inhi.

24. Din il-Qorti sejra tissokta biex tqis l-erba' aggravji mressqa mill-konvenut kontra **s-sentenza finali tas-26 ta' Jannar, 2023**.

25. Fl-**ewwel aggravju tiegħu**, il-konvenut jgħid li l-Ewwel Qorti, qabel ma qatgħetha li tordna l-bejgħ bil-liċitazzjoni tal-għelieqi magħrufa bħala Tan-Nanna, tal-Wejba u tat-Torri, hija ma stħarrġitx jekk dawn

setgħux jinqasmu fiżikament bejn il-partijiet b'mod komdu.

26. L-atturi appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li dan mhuwiex minnu għaliex l-Ewwel Qorti wettqet dan l-eżerċizzju.

27. Il-liġi tgħid fl-**Artikolu 907 tal-Kodiċi Ċivili**, li għall-qasma tal-ġid li ġej mill-wirt għandhom kemm jista' jkun jitħarsu l-istess regoli li jgħoddu għall-qasma tal-ġid miżmum b'mod komuni u għal-liċitazzjoni.

28. Fost dawn ir-regoli hemm dak li kull wieħed mis-sidien ta' ħaġa komuni għandu l-jedd li jieħu s-sehem tiegħu tal-ġid in natura (**Artikolu 502 tal-Kodiċi Ċivili**). Għalhekk, meta ssir il-qasma, ir-regola hija li kull wieħed mis-sidien jieħu, skont is-sehem tiegħu, biżżejjed mill-ġid komuni, fil-kwalità li dak il-ġid ikollu, fil-waqt tal-qasma (ara ***Simone Eve Collette Sammut et v. Adam Sammut*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021). Dan iġib miegħu l-effett illi l-bejgħ bil-liċitazzjoni hija l-eċċezzjoni għar-regola u sa fejn huwa possibbli l-partijiet għandhom jingħataw sehemhom *in natura* (ara ***Simplex Limited et v. Lux Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2023).

29. Naturalment biex issir il-qasma materjali hemm bżonn li l-ġid ikun wieħed li jkun jista' jinqasam bejn il-partijiet bla xkiel u bla ħsara (**Artikolu 515 tal-Kodiċi Ċivili**). F'każijiet bħal dawn, normalment il-

Qorti jkollha ddur għal perizja teknika biex sewwasew jiġi determinat jekk jeżistux inkonvenjenzi gravi u mingħajr preġudizzju għall-partijiet li jkunu jridu jaqsmu (ara ***Rosina Baldacchino et v. Giuseppe Baldacchino*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Marzu, 1954 u ***Giuseppe Galea et v. Jessie Borg*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' April, 2003).

30. Fil-każ tal-lum mhux minnu dak li jgħid il-konvenut appellant li l-Ewwel Qorti ma ratx jekk il-ġid setax jinqasam b'mod fiżiku bejn il-partijiet. Kemm hu hekk, fis-sentenza appellata hemm miktub dan li ġej:

> *"Ġie konkluż mill-perit komputista fil-paragrafu 5.07 tar-rapport tiegħu li "mhuwiex prattiku li l-egħlieqi magħrufa bħala "Tan-Nanna" u "Tat-Torri" jinqasmu f'porzjonijiet determinati skond id-deċiżjoni in parte ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, u dan prinċipalment għaliex ser iwassal għall-frammentazzjoni ta' għelieqi li diġà huma pjuttost żgħar. Barra minn hekk, biex isir da il-qsim jinħolqu diversi drittijiet, servitujiet u passaġġi minn fuq proprjetà għall-oħra." (ara fol 364).*
>
> *Il-Qorti sejra toqgħod fuq dawk hawn konkluż, kif mhux lanqas kontestat mill-partijiet, u tiddikjara li l-għelieqi magħrufa bħala "Tan-Nanna" u "Tat-Torri" ma jistgħux jiġu diviżi komodament u mingħajr diskapitu kif irid l-artikolu 515 (1) tal-Kap. 16. Għaldaqstant sejra tordna l-bejgħ tagħhom b'liċitazzjoni bil-prezzijiet stmati mill-perit tekniku.*
>
> *Ġie wkoll konkluż mill-perit komputista fil-paragrafu 5.08 tar-rapport tiegħu li "l-għalqa magħrufa bħala 'Tal-Wejba' hija komodament diviżibbli bejn il-partijiet skont l-ishma dettati fid-deċiżjoni in parte tal-istess Onorabbli Qorti diversament preseduta. Huwa qiegħed jippreżenta qasma skematika (Dok. MA 8) [fol 394] biex juri dan, iżda jgħid li qasma aktar preċiża tkun trid tiġi bbażata fuq survey dettaljat magħmul minn land surveyor ikkwalifikat." (ibid.)*
>
> *Kif insenjat fis-sentenza Paul Camilleri pro et noe vs Frank Camilleri fuq ċitata, id-dritt ta' kull komproprjetarju li jieħu sehem in-natura a tenur tal-artikolu 502 tal-Kap. 16 huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin li jirregolaw il-qism ta' wirt sabiex din issir kif trid il-liġi.*

*L-Atturi iżda ssottomettew fiċ-ċar li m'għandhomx interess li dan id-dritt jiġi eżerċitat. Dan tant li fin-nota tagħhom kwotaw numru ta' sentenzi sabiex isostnu l-pożizzjoni tagħhom li din l-għalqa wkoll għandha, bħat-tnejn l-oħra, tiġi*
*dikjarata mhux komodament diviżibbli u liċitata bil-prezzijiet stmati mill-Perit Tekniku (ara nota a' fol 404 sa 407). L-Atturi jinsistu, għal raġunijiet hemm indikati, li "din il-konklużjoni telimina kull possibilità ta' aktar dewmien fil-likwidazzjoni u l-qasma tal-wirt tal-konjuġi Sciortino, wara aktar minn 30 sena mill-mewt tal-aħħar wieħed fosthom." (ara para 18 fol 407).*

*Dan id-dritt mogħti bl-artikolu 502 tal-Kap. 16 ma ġiex invokat mill-konvenut u di fatti ma ssottometta xejn f'dan ir-rigward fin-nota risponsiva tiegħu (ara nota a' fol 409). B'hekk il-Qorti fid-dawl ta' kemm damet din l-Kawża u anke tax-xewqa tal-partijiet fehmet li anke dan il-konvenut ma hux jinsisti li jirċievi sehemu mill-beni n-natura.*

*Issa artikolu 681 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi li "Il-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha".*

*...*

*Din il-Qorti taqbel ma dan ir-raġunament iżda żżid tgħid li hemm lok li din il-Qorti tiddipartixxi mill-konklużjonijiet peritali jekk il-partijiet ikunu fi qbil li jridu mod ieħor.*

*Għalhekk il-Qorti sejra għaldaqstant tiddeċiedi skont ir-rieda tal-partijiet u tordna li din l-għalqa magħrufa bħala 'Tal-Wejba' tiġi wkoll mibjugħa b'liċitazzjoni bil-prezzijiet stmati mill-Perit Tekniku."*

31. Sa fejn għalhekk fl-aggravju tiegħu, il-konvenut appellant qiegħed jixli lill-Ewwel Qorti talli ma ratx jekk il-ġid huwiex komodament diviżibbli jew le, dan il-parti tal-aggravju huwa għalkollox ħażin, għaliex is-silta hawn fuq miġjuba turik li l-Ewwel Qorti qieset dan l-aspett.

32. Dwar il-parti tal-aggravju fejn il-konvenut appellant qiegħed jgħid li huwa ma jridx li l-qasma ssir permezz ta' bejgħ b'liċitazzjoni, din il-Qorti tqis li kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Malaga Enterprises***

***Limited et v. Duminku Cutajar*** deċiża fid-29 ta' Marzu, 2023,

> *"Hu ovvju li kull biċċa art tista', teknikament, tiġi diviża, però, biex dan jista' jsir jeħtieġ illi l-proprjetà tkun tista' tiġi diviża komodament u bla diskapitu."*

33. Fil-każ tagħna, il-Perit Mario Axisa maħtur mill-Ewwel Qorti qal fir-rapport tiegħu (ara paġna 363 tal-atti tal-kawża), li huwa diffiċli biex l-għalqa msejħa "*Tan-Nanna"* u l-għalqa msejħa "*Tat-Torri"* jiġu maqsuma bla xkiel. Dwar dan huwa jikteb hekk fir-rapport tiegħu:

> *"4.20 L-esponent jisjega li jkun diffiċli li wieħed jiddividi l-għalqa msejħa 'Tan-Nanna' skont l-imsemmija ishma peress li biex dan ikun jista' jsir, tkun trid tittieħed parti mill-istess għalqa għall-formazzjoni ta' passaġġ biex jipprovdi aċċess għall-porzjonijiet riżultanti. Barra minn hekk, meta wieħed jikkonsidra l-qies tal-istess għalqa, kif ukoll it-telf f'ammont ta' art għall-formazzjoni tal-imsemmi passaġġ, jifhem li l-ishma riżultanti jkunu relattivament żgħar. L-esponent josserva li bħala prinċipju, l-Awtorità tal-Ippjanar toġġezzjona għal tali frammentazzjoni peress li hija ssostni li għelieqi żgħar ħafna isiru insostenibbli, u li eventwalment jiġu abbandunati. Meta wieħed iqis dan kollu, kif ukoll l-aċċess ristrett għall-art in kwistjoni, huwa jifhem kemm dan il-proċess huwa wieħed imprattikabbli. L-esponent ikompli wkoll li l-preżenza possibbli tal-kamra tkompli tikkomplika s-sitwazzjoni peress li din tkun trid tinqasam skont l-ishma kif deċiżi, liema ishma mhumiex ugwali. Ikun ifisser ukoll il-bżonn li jkollu jinħoloq passaġġ sa ħdejha biex jiggarantixxi aċċess adegwat għaliha, bir-riżultat li jkomplu jiċkienu l-porzjonijiet ta' art relattivi, u jinħolqu aktar servitujiet.*
>
> *4.21 Għal raġunijiet simili, l-esponent jispjega li jkun diffiċli li wieħed jaqsam l-għalqa magħrufa bħala 'Tat-Torri', fil-porzjonijiet kif mitlub, speċjalment fid-dawl tar-riskju rejali li parti minnha tittieħed għall-formazzjoni tat-triq."*

34. Fl-aggravju ġenerali tiegħu, il-konvenut appellant ma semma xejn biex imeri dawn il-konklużjonijiet tekniċi msemmija mill-espert ġudizzjarju. Jgħid biss li huwa jixtieq iżomm l-għelieqi biex jużahom għall-biedja u biex ikun jista' jżomm fihom l-annimali.

35. Meta wieħed iqis li f'materji tekniċi bħal dawn, il-Qrati huma x'aktarx mistennija li joqogħdu fuq il-ġudizzju espress mill-espert maħtur minnhom u meta wieħed iqis li l-konvenut appellant la ressaq sottomissjonijiet tekniċi għaliex din il-Qorti m'għandhiex tħaddan il-fehmiet tal-espert ġudizzarju, u wisq anqas ma nqeda bil-jedd tiegħu li jitlob għall-ħatra ta' periti addizzjonali, din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm raġuni fejjieda għaliex m'għandhiex toqgħod fuq l-espert ġudizzjarju maħtur mill-Ewwel Qorti.

36. Jiġi b'hekk, li din il-Qorti qiegħda tikkonferma li l-għalqa msejħa "*Tan-Nanna*" u l-għalqa msejħa "*Tat-Torri*" għandhom jinbiegħu b'liċitazzjoni, hekk kif iddeċidiet l-Ewwel Qorti.

37. Dwar l-għalqa magħrufa bħala "*Tal-Wejba*", l-espert ġudizzarju qal li din hija tajba biżżejjed biex tinqasam bla xkiel bejn il-partijiet. Fuq din l-għalqa huwa jikteb hekk:

> *"4.22 Fir-rigward tal-għalqa magħrufa bħala tal-'Wejba', l-esponent jispjega li din hija aktar faċli li wieħed jiddividiha u dan peress li tinsab biswit trejqa ffurmata, biex b'hekk kull porzjon riżultanti jista' jkollu aċċess dirett minnha. Barra minn hekk ma hemmx kmamar u fatturi oħra li jistgħu jxekklu diviżjoni effettiva, jew li joħolqu xi kumplikazzjoni partikolari.*
>
> *Madankollu, huwa jispjega li biex ikun jista' jsir dan, ikun irid isir survey dettaljat tal-istess art, biex a bażi tiegħu tkun tista' ssir id-diviżjoni kif mitluba, u ċjoè f'ishma ta' 31/100 kemm għar-rikorrenti Giuseppe Sciortino u għall-konvenut Alfred Sciortino, u ishma ta' 19/100 għar-rikorrenti Caterina Gatt u Filippa Farrugia, rispettivament. Fin-nuqqas ta' dan l-esponent qiegħed jippreżenta*

> *Block Plan (skala 1:1000, Dok. MA 8) li fuqha huwa qiegħed jindika l-qasma proposta b'mod skematiku."*

38. Illi kif intqal aktar kmieni, il-liċitazzjoni tibqa' rimedju straordinarju u eċċezzjonali ħafna u hija mħollija biss meta d-diviżjoni ma tistax issir komodament u mingħajr ħsara, jiġifieri, mingħajr preġudizzju tal-kondividendi (ara ***Rita Grech et v. Giuseppe Zammit et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Lulju, 1969). Skont l-**Artikolu 515 tal-Kodiċi Ċivili** l-liċitazzjoni ssir inevitabbli biss fejn il-ġid komuni ma jkunx jista' jinqasam mingħajr xkiel u mingħajr ħsara, jew fejn ikun hemm xi ġid, li l-ebda waħda mill-partijiet ma tkun tista' jew tkun trid tieħu għandha.

39. Fis-sentenza ***Reverendu Dun Ġużepp Frendo v. Francesco Saverio Frendo et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2005 ġie osservat:

> *"Illi r-rekwiżit tal-qasma komoda ma jeżawrix ruħu merament fil-possibilità materjali tal-ispartizzjoni tal-ħaġa f'porzjonijiet iżda hu neċessarju wkoll li kull porzjoni tibqa' sostanzjalment idonea, in proporzjoni tal-entità tagħha, b'mod tali li tkun tista' tassolvi l-istess funzjoni ekonomika tal-ħaġa sħiħa, u mingħajr allura ma ssofri deprezzament tal-valur intrinsiku oriġinarju."*

40. Dan jagħmel eku ta' dak li kien ingħad fis-sentenza ***Giuseppe Meilak et v. Cecilia Zahra Scicluna*** deċiża mill-Qorti tal-Appell, lura fit-28 ta' Ġunju, 1948: illi komodament, jiġifieri, mingħajr preġudizzju tal-interessi tal-kondividendi; u mingħajr diskapitu, jiġifieri, illi m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-valur ekonomiku tal-fond bid-diviżjoni materjali tiegħu.

41. Billi fil-każ tal-lum, l-espert ġudizzarju sab li l-għalqa "*Tal-Wejba*" tista' tinqasam b'mod diviżibbli mingħajr kumplikazzjonijiet bejn il-partijiet skont l-ishma stabbiliti fis-sentenza appellata u ladarba l-konvenut appellant qiegħed jirreżisti għal-liċitazzjoni, li kif ingħad huwa rimedju straordinarju, allura huwa xieraq li din l-għalqa tinqasam b'mod fiżiku skont l-ishma li għandhom fiha l-partijiet.

42. Għad li l-atturi appellati esprimew ix-xewqa li din l-art tinbiegħ ukoll b'liċitazzjoni, madankollu huma ma ressqu l-ebda argument tekniku biex iwaqqgħu l-fehmiet tal-espert ġudizzjarju. Għalhekk bħalma din il-Qorti qagħdet fuq il-fehmiet tal-espert ġudizzjarju, fejn dawn kellhom x'jaqsmu maż-żewġ għelieqi li ma setgħux jinqasmu fiżikament, hekk ukoll hija sejra tistrieħ fuq il-fehmiet tiegħu fejn dawn għandhom x'jaqsmu mal-qsim fiżiku ta' din l-għalqa.

43. Il-fatt imsemmi mill-atturi appellati li l-ġid ilu miżmum b'mod komuni bejn il-partijiet għal madwar 35 sena, huwa rrilevanti għaliex b'din is-sentenza ħa tintemm il-komunjoni tal-għalqa bil-qasma fiżika tagħha. Lanqas ma huma fejjieda l-argumenti tagħhom, li jekk il-qasma ssir *in natura*, ħa jkun hemm aktar dewmien u aktar spejjeż. Tassew il-pjanta mħejjija mill-espert ġudizzjarju u li tinsab f'paġna 394 tal-atti tal-kawża turi b'mod ċar ħafna kif tista' tinqasam l-għalqa bejn il-partijiet

skont l-ishma tagħhom u kulma hemm bżonn li jsir, huwa li jitqabbad *land surveyor*, biex il-qasma titwettaq b'mod eżatt.

44. Barra minn hekk, l-espert ġudizzjarju qal li m'hemmx kmamar u fatturi oħra li jistgħu jxekklu l-qasma effettiva jew li jagħmluha kkumplikata. Din il-Qorti m'għandhiex għalfejn ma temminx lill-espert ġudizzjarju f'dan ir-rigward.

45. Fl-aħħar nett, għalkemm huwa minnu li l-konvenut appellant kellu jkun aktar ċar tul dawn il-proċeduri, li huwa ried iżomm is-sehem fiżiku tiegħu tal-għalqa, madankollu ma jirriżultax li huwa qatt kien favur il-bejgħ b'liċitazzjoni.

46. Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' parti minn dan l-aggravju, fis-sens biss li l-għalqa magħrufa bħala "*Tal-Wejba"* m'għandhiex tinbiegħ b'liċitazzjoni, hekk kif ordnat mill-Ewwel Qorti, iżda għandha tinqasam b'mod fiżiku bejn il-partijiet fuq il-bażi tal-fehmiet tekniċi tal-espert ġudizzarju, skont dawn l-ishma: (i) Giuseppe Sciortino: $^{31}/_{100}$; (ii) Alfred Sciortino: $^{31}/_{100}$; (iii) Caterina Gatt: $^{19}/_{100}$; u (iv) il-werrieta ta' Filippa Farrugia: $^{19}/_{100}$.

47. Għal dan il-għan il-Qorti sejra taħtar *land surveyor* biex flimkien mal-espert ġudizzarju l-Perit Mario Axisa, iwettaq din il-qasma b'mod

aktar preċiż u sejra tawtorizza wkoll lill-espert ġudizzarju sabiex jaqsam l-ishma li huma ndaqs, bit-tlugħ tax-xorti, jekk kemm-il darba l-partijiet li għandhom l-istess ishma ma jaqblux bejniethom liema parti mill-għalqa għandhom jieħdu.

48. Fit-**tieni aggravju** tiegħu, il-konvenut appellant jgħid li l-Ewwel Qorti injorat l-eżistenza tar-raba' bl-isem "*Ta' Bajdun*", li wkoll kellu jiġi diviż.

49. Dan l-aggravju ma fih ebda mertu.

50. L-Ewwel Qorti ma semmiet xejn dwar din l-għalqa fis-sentenza finali tagħha tas-26 ta' Jannar, 2013 għaliex hija ġa kienet ippronunzjat ruħha dwar din l-għalqa fis-sentenza parzjali tagħha tad-9 ta' Novembru, 2018. Fil-fatt, hija kienet qalet hekk:

> *"**It-testment unica charta tal-1979***
>
> *Permezz ta' dan it-testment unica charta, Antonia Sciortino, flimkien ma' żewġha Francesco Saverio Sciortino, innominaw lill-erba uliedhom bħala eredi universali f'ishma ugwali bejniethom, u ħallewlhom is-segwenti prelegati:*
>
> *...*
>
> *- lil **Filippa Farrugia** l-ġnien li tidħol għalih minn 36, Triq Ħali, Żebbuġ, bil-patt li tagħlaq il-bieb li hemm bejn dan il-ġnien u l-ambjenti mħollija lil Giuseppe u Alfred Sciortino, filwaqt li tħalli komunikazzjoni għall-mili tal-ilma mill-ġonna mħollija lilhom; u **nofs indiviż tal-għalqa "Ta' Bajdun"**;*
>
> *- lil **Caterina Gatt** il-fond 14 u 15, Triq Muxi, Żebbuġ; u **nofs indiviż tal-għalqa "Ta' Bajdun"** bil-patt li tagħti s-somma ta' Lm400 lil oħtha Filippa Farrugia;*

...

***<u>Provi dwar min għandu l-pussess tal-fondi 53 u 54 fi Triq Sidtna tal-Anġli u l-ġnien ta' miegħu, il-fond 14/15 fi Triq Muxi, u l-għalqa "Ta' Bajdun":</u>***

*<u>Joseph Gatt</u>, bin Caterina Gatt, xehed illi l-għalqa "Ta' Bajdun" (imħollija b'legat lil ommu u lil zitu Filippa Farrugia) ilha f'idejhom minn meta Angela u Francesco Saverio Sciortino kienu għadhom ħajjin, u li wara li miet Francesco Saverio Sciortino din inqasmet bejniethom u kulħadd jaf fejn hi tiegħu.*

*L-<u>attur Giuseppe Sciortino</u> xehed li l-problemi nqalgħu meta kienu marru għand in-Nutar Laferla biex jaqsmu u kienu saru jafu bil-kuntratt ta' tpartit, tant li kienu spiċċaw fil-kawża fuq imsemmija (1421/92). Qal li kif miet il-missier, hu, Filippa u l-konvenut qasmu bejniethom id-dar fi Triq Siperitdtna tal-Anġli bi qbil bejniethom skont it-testmenti. Qal li Filippa għalqet il-bieb tal-ġnien u ħadet il-ġnien fi Triq Ħali li għadu fil-pussess tagħha sa llum; hu u l-konvenut qabbdu l- Mikelanġ Refalo biex jagħmel l-istima tad-dar skont it-testmenti u mbagħad tellgħu ħajt biex qasmu bejniethom il-bqija tad-dar. Qal li l-ispiża inqasmet bejnu u bejn il-konvenut u kull wieħed ħa l-pussess tal-parti tiegħu. Kompla jgħid li kien hemm ekwiparazzjoni dovuta minnu lill-konvenut u lil Filippa Farrugia skont l-istima tal-perit, u spjega li għalkemm ried iħallashom kollox baqa' mwaħħal minħabba fil-kawża fuq imsemmija.*

*Il-<u>konvenut Alfred Sciortino</u> fl-affidavit tiegħu kkonferma li l-qasma bejn il-fondi 53 u 54 Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbuġ, u l-ġnien li jmiss magħhom diġà saret fiżikament bejnu, bejn l-attur Giuseppe Sciortino u bejn l-attriċi Filippa Farrugia u kkonferma li kull parti qiegħda fil-pussess ta' kull wieħed.*

*"Il-fond numru 53 Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbug, huwa r-residenza tiegħi u ilu hekk għal żmien twil waqt li l-fond numru 54 Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbuġ, ġie mħolli b'legat lil ħija Ġużeppi skont stima ta' perit, u huwa fil-pussess tiegħu billi daħal fih. Kien hemm ġiardina ma' dawn il-fondi li kellha tinqasam bejn tlieta sa biex biċċa tmur mal-fond 53 waqt li biċċa oħra kellha tmur mal-fond numru 54, waqt li t-tielet biċċa għand Filippa Farrugia. Fil-fatt hekk ġara u kull biċċa qiegħed fil-pussess ta' kull wieħed minn dawn."*

*Kontro-eżaminat ikkonferma li kien inqasam il-ġnien bejnu u bejn l-atturi Giuseppe Sciortino u Filippa Farrugia (skont it-testmenti).* ***<u>Ikkonferma wkoll li l-għalqa "Ta' Bajdun" tinsab fil-pussess tal-aħwa bniet Filippa Farrugia u Catherine Gatt</u>*** *u li l-fond 14/15 Triq Ħal Muxi huwa okkupat esklussivament minn Catherine Gatt (u dan skont id-dispożizzjonijiet testamentarji relattivi).* ***Huwa kkonferma illi l-unika kwistjoni li fadal, u li minħabba fiha qatt ma saret il-qasma, tirrigwarda l-għelieqi f'Tal-Ħrieri li kienu jiffurmaw parti***

***mill-ereditajiet tal-ġenituri.***

*Jirriżulta allura li l-fondi 53 u 54 f' Triq Sidtna tal-Anġli u l-ġnien ta' miegħu, il-fond 14/15 fi Triq Muxi, u **l-għalqa "Ta' Bajdun" kollha effettivament jinsabu fil-pussess tal-prelegatarji li lilhom ġew imħollija rispettivament.***"

51. Billi l-Ewwel Qorti waslet għall-fehma, fuq xhieda stess tal-konvenut appellant, li l-legat marbut mal-għalqa magħrufa bħala "*Ta' Bajdun"*, kien ġa fil-pussess tal-prelegatarji (i.e. Filippa Farrugia u Caterina Gatt), allura fis-sentenza parzjali tagħha hija astjeniet milli tordna l-immissjoni tal-pussess skont kif mitlub fit-tielet u fir-raba' talba tar-rikors maħluf tal-atturi.

52. Ma jgħidx sew għalhekk il-konvenut appellant, li l-Ewwel Qorti injorat l-għalqa magħrufa bħala "*Ta' Bajdun".*

53. Dan it-tieni aggravju huwa għalhekk miċħud.

54. Fit-**tielet aggravju** tiegħu l-konvenut appellant jilmenta dwar il-qsim indaqs bejn l-erba' aħwa tal-ammont ta' €3286.90 miżmum fl-HSBC Bank Malta plc. Huwa jargumenta li ħuh Giuseppe Sciortino m'għandux jieħu kwart ($^{1}/_{4}$) minn din is-somma għaliex huwa rċieva 1300 sterlina.

55. Illi fit-testment tiegħu tal-1987, Francesco Saverio Sciortino kien iddikjara illi hu kien ta b'donazzjoni s-somma ta' £1,300 lil ibnu

Giuseppe Sciortino. Huwa ordna li din id-donazzjoni kellha tiġi meqjusa bħala li ġiet imħollija lil Giuseppe Sciortino akkont tas-sehem tiegħu u għalhekk ma tkunx meħlusa mill-kollazzjoni.

56. Fl-ewwel sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti tajjeb jew ħażin, qalet hekk fid-*decide* tagħha:

> *"u mis-somma li jifdal ta' €2588, is-sehem ta' kull wieħed mill-aħwa (1/4) hu ta' €647 oltre imgħaxijiet, iżda peress li Giuseppe ħa £1,300 u skont it-testment tal-1987 għandhom jitqiesu li ħadhom akkont tas-sehem tieghu. Ghalhekk is-somma ta' €2,588 trid tinqasam 1/3 kull wieħed u waħda bejn Filippa, Caterina u Alfred Sciortino."*

57. Ifisser għalhekk li l-Ewwel Qorti ġa kienet naqset is-somma ta' £1,300 li l-attur Giuseppe Sciortino kien irċieva bħala donazzjoni mingħand missieru. Issa jekk il-konvenut appellant ma jaqbilx ma' din il-konklużjoni, huwa messu appella minn din il-parti tas-sentenza parzjali fejn it-tnaqqis sar mis-somma ta' €2588. Madankollu huwa ma ressaq l-ebda appell minn dan il-kap tas-sentenza parzjali.

58. Għalhekk ladarba dan il-kap tas-sentenza parzjali, illum għadda b'ġudikat, dan l-aggravju tal-konvenut appellant biex it-tnaqqis ta' £1,300 isir mid-depożitu bankarju ta' €3286.90 ma jistax jiġi mistħarreġ.

59. Jifdal biss l-**<u>aħħar aggravju</u>**. Fih il-konvenut appellant sempliċement jgħid hekk:

> *"Inoltre l-ekwiparazzjoni dovuta lill-konvenut ta' €24,500 kif ukoll l-ammont ta' benefikati magħmula mill-konvenut fil-fond, liema benefikati ġew stmati mill-Perit fl-ammont ta' €24,500 ġew kompletament injorati mill-Qorti fid-deċiżjonijiet tagħha, mentri dawn l-ammonti għandhom jitħallsu mill-attur Giuseppe Sciortino lill-konvenut."*

60. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju ma jinftiehem xejn u mhuwiex xogħol din il-Qorti li toqgħod tipprova taqta' x'kellu f'moħħu minn ħejja dan l-aggravju. Bla tagħrif u mingħajr dettalji ċari fuq in-natura tal-benefikati u dwar il-post ta' fejn suppost saru dawn il-benefikati, din il-Qorti qajla tista' tifhem kif hija qatt tista' tiddeċiedi dan l-aggravju.

61. B'żieda ma' dan, ma jirriżultax li l-konvenut appellant qajjem xi eċċezzjoni jew pretensjoni fir-risposta maħlufa tiegħu biex huwa jiġi kkumpensat għal xi benefikati li seta' għamel fuq xi post li kien parti mill-wirt tal-ġenituri tal-partijiet. Lanqas ma jirriżulta li huwa ressaq xi talba quddiem l-Ewwel Qorti biex huwa jitħalla jressaq xi eċċezzjoni żejda b'rabta ma' dawn il-benefikati.

62. Għamlet sew għalhekk l-Ewwel Qorti li injorat il-kwistjoni tal-benefikati, hekk kif ħa tagħmel ukoll din il-Qorti biċ-ċaħda ta' dan l-aggravju.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' biss l-appell sa fejn jolqot l-għalqa magħrufa bħala "*Tal-Wejba*", b'dana li din il-Qorti qiegħda tirriforma biss is-sentenza appellata mogħtija fis-26 ta' Jannar, 2023, billi tordna li l-għalqa magħrufa bħala "*Tal-Wejba*" m'għandhiex tinbiegħ b'liċitazzjoni, iżda għandha tinqasam b'mod fiżiku bejn il-partijiet skont dawn l-ishma: (i) Giuseppe Sciortino: $^{31}/_{100}$; (ii) Alfred Sciortino: $^{31}/_{100}$; (iii) Caterina Gatt: $^{19}/_{100}$; u (iv) il-werrieta ta' Filippa Farrugia: $^{19}/_{100}$.

Din il-qasma fiżika għandha ssir taħt l-indukrar tal-espert ġudizzarju l-Perit Mario Axisa u tal-*land surveyor* Louis Attard, li qiegħed jiġi maħtur minn din il-Qorti biex ikun jista' jgħin lill-Perit Axisa biex il-qasma titwettaq b'mod eżatt. Il-Perit Axisa qiegħed ikun awtorizzat sabiex jaqsam bit-tlugħ tax-xorti, l-ishma tal-partijiet li huma ndaqs, jekk kemm-il darba l-partijiet li għandhom l-istess ishma ma jaqblux bejniethom liema parti mill-għalqa għandhom jieħdu. Malli ssir il-qasma, il-Perit Axisa għandu jieħu ħsieb idaħħal nota u pjanta maħlufa fl-atti ta' din il-kawża, fejn jindika fihom kif l-għalqa ġiet maqsuma bejn il-partijiet. L-ispejjeż tal-Perit Mario Axisa u tal-*land surveyor* Louis Attard għandhom jitħallsu mill-partijiet solidalment bejniethom.

Għall-għanijiet tas-seba' talba tar-rikors maħluf, il-Qorti qiegħda taħtar lin-Nutar Timothy Ellis sabiex jippubblika l-att ta' diviżjoni u lill-Avukat Timothy Bartolo sabiex jirrappreżenta lill-konvenut Alfred Sciortino f'każ li dan jonqos milli jidher fuq l-istess att. L-ispejjeż tagħhom għandhom jitħallsu mill-partijiet solidalment bejniethom

Mill-bqija s-sentenzi mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-9 ta' Novembru, 2018 u fis-26 ta' Jannar, 2023 qegħdin jiġu kkonfermati.

Peress li din il-Qorti laqgħet aggravju wieħed biss minn ħamsa, l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu hekk: (i) sehem ta' erbgħa minn ħamsa ($^4/_5$) mill-konvenut appellant; u (ii) sehem ta' wieħed minn ħamsa ($^1/_5$) mill-atturi appellati flimkien bejniethom.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr